**Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)**
**Bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat: Dr. Simone Grech B.A. LL.D. Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Kumpilazzjoni numru 35/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Richard Bugeja**

Illum 30 ta' Jannar 2024

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront ta' Richard Bugeja ta' sitta u ghoxrin (26) sena, iben Franco u Sonia nee' Grech, imwieled ir-Rabat, Ghawdex fl-14 ta' Frar 1995 u residenti 'Perla', Triq il-Maghdija, Ghajnsielem, Ghawdex, numru tal-Karta tal-Identita` 11095G li permezz taghhom gie akkuzat talli:

*"….nhar l-10 ta' Lulju 2022, f'xi hin bejn 00.30 ta' filghodu u 00.50 ta' filghodu waqt li kienu fi Triq il-Mungbell, Zebbug, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi;-*

1. *Ikkommetta serq ta' flus kontanti, li l-ammont kien jaqbez aktar minn mitejn u tnejn u tlettin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94c) izda hu anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tlettin centezmu (2,329.37), liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, u bil-hin u dan ghad-dannu ta' Kadar Ahmed Ibrahim u dan bi ksur tal-artikoli 261, 262, 267 u 270 tal-Kap. 9;*
2. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi soqt b' manjiera traskurata, bla kont u perikoluz u dan bi ksur ta' l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65;*

*U aktar talli nhar l-10 ta' Lulju 2022, f'xi hin bejn 02.30 ta' filghodu u 03.00 ta' filghodu waqt li kien fi Triq il-Mungbell, Zebbug, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi:-*

3. *Ikkommetta serq ta' flus kontanti, li l-amont kien jaqbez aktar minn mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94c) izda hu anqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tlettin centezmu (2,329.37), liema serq hu kwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, u bil-hin u dan ghad-dannu ta' Abdirahman Osman Ibrahim u dan bi ksur tal-artikoli 261, 262, 267 u 270 tal-Kap. 9;*

4. *U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi soqt b' manjiera traskurata, bla kont u perikoluz u dan bi ksur ta' l-artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65;*

*Il-Prosekuzzjoni titlob li l-imputat jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu licenzja tas-sewqan ghall-perijodu li din l-Onorabbli qorti jidhrilha li hu xieraq."*

Rat li din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif ippreseduta.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti.

Semghet il-provi prodotti.

Rat l-artikoli indikati mill-Avukat Generali.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni.

Rat li din il-kawza giet differita ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha ta' din il-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Il-Prosekuzzjoni ressqet varji provi f' din il-kawza. Ressqet iz-zewg allegati vittmi u cioe' Kadar Ahmed Ibrahim u lil Abrirahman Osman Ibrahim. Xehdu numru konsiderevoli ta' ufficjali tal-pulizija li investigaw dan il-kaz jew li kellhom x'jaqsmu b'xi mod f'dan l-istess kaz. L-imputat ghazel ukoll li jixhed f'dawn il-proceduri kif ukoll kien irrilaxxja stqarrija.

Wara li qieset il-provi kollha prodotti, din il-Qorti ghandha s-segwenti osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet x' taghmel:

Dwar l-ewwel imputazzjoni u cioe' dik ta' serq aggravat bi vjolenza, bil-valur, u bil-hin ghad-dannu ta' Kadar Ahmed Ibrahim, din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx provi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. L-allegata vittma nnifsu ammetta li huwa fl-ebda hin ma seta' jikkonferma bil-gurament tieghu li ra lil xi persuna jiehu xi flus minn gol-vettura tieghu. Fix-xhieda tieghu, huwa fl-ebda hin ma gharaf lill-imputat. In oltre, il-vittma xehed li l-flus kienu go kaxxa fil-karozza u li huwa ma jafx kemm kellu flus bl-ezatt fil-kaxxa u lanqas jaf min seta' ha l-

flus. L-allegata vittma spjega li z-zewg persuni li avvicinawh hargu minn go Land Rover sewda, izda huwa ma rax min kien is-sewwieq.

In vista ta' dan, din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma ressqitx dawk il-provi necessarji sabiex din l-imputazzjoni titqies bhala ppruvata. Ghalkemm, gie ppruvat li l-imputat kien fuq il-post fejn sehh dan l-incident u in fatti gie indikat mill-vittma bhala tali, ma tressqux provi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli li effettivament l-imputat kien hati ta' serq aggravat.

Ghalhekk, din il-Qorti mhijiex sejra ssib htija fl-imputat.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni lanqas ma ressqet provi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli. L-allegata vittma kulma qalet kien li "*they go in together the car and they run to Xaghra, away.*" Ghalkemm l-imputat ghazel li jixhed, huwa cahad li gabar lil zewgt ihbieb tieghu u li saq lejn ix-Xaghra. Fix-xhieda tieghu u anke fl-istqarrija rilaxxata minnu, huwa jsemmi okkazzjoni wahda biss fejn telghu shabu gol-vettura u huwa saq ghaliex kien hemm persuna li ppruvat tidhol fil-vettura tieghu. F'dik l-okkazzjoni, huwa nsista li saq lejn ir-Rabat. Ghaldaqstant b'dak li ghandha quddiemha din il-Qorti, ma hemmx provi sufficjenti li tista' twassal lil din il-Qorti biex tinstab htija fl-imputat fir-rigward ta' din it-tieni imputazzjoni.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, u cioe' serq aggravat bi vjolenza, valur u hin ghad-dannu ta' Abdirahman Osman Ibrahim, din il-Qorti qieset ukoll ix-xhieda moghtija mill-allegata vittma.

Ghal darb' ohra, din il-Qorti mhijiex konvinta li tressqu provi lil hinn minn kull dubju ragjonevoli dwar din l-imputazzjoni. Fl-ewwel lok, il-vittma sostna li huwa ma jafx kemm kellu flus bl-ezatt fil-vettura tieghu. Sostna wkoll li huwa ma ra lil hadd jiehu l-flejjes minn gol-vettura tieghu. Kien ikkonferma wkoll li lanqas jiftakar l-ahhar darba li kien iccekja jekk kienx ghad hemm flus fil-vettura tieghu. In oltre, l-allegata vittma fl-ebda hin ma gharfet lill-imputat bhala xi wahda mill-persuni li kienet rat dakinhar tal-allegata serqa. Huwa minnu li rrizulta mix-xhieda li huwa gharaf il-vettura li fiha ra lil zewg persuni jidhlu fiha. Huwa minnu wkoll li din il-vettura hija registrata f'isem l-imputat kif ukoll li l-istess imputat ikkonferma li huwa kien in fatti l-persuna li saq din il-vettura dakinhar tal-akkadut. Madanakollu, ghalkemm gie ppruvat li l-imputat kien qed isuq din il-vettura partikolari, ma tressqux dawk il-provi necessarji biex b'xi mod tkun tista' tigi akkollata xi tip ta' htija fuq l-imputat. Ghaldaqstant din il-Qorti mhux ser issib lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni.

Dwar ir-raba' imputazzjoni, l-allegata vittma sempliciment sostna li "*the car ran quickly*". L-imputat fix-xhieda tieghu ammetta li huwa kien qed jistenna lil shabu fejn il-food store li hemm iktar 'il fuq mill-bar Traffic Lights. Spjega wkoll li huwa ra lil shabu gejjin u dawn rikbu gol-landrover. Kompla jixhed li ghamel U-turn minflok ma dar minn quddiem il-bar Traffic Lights, u f'daqqa wahda ra lil ragel ta' karnaggjon skur jiftahlu l-bieba ta' wara tal-Land Rover. Sostna li huwa qatt

ma kien ra lil dan ir-ragel b'ghajnejh. Spjega li dak il-hin huwa ppanikja u "*ghafastilha u bqajt sejjer 'il fuq.*"

Din il-Qorti meta qieset din ix-xhieda lanqas ma tara li gew ippruvati l-estremi ta' sewqan b'manjiera traskurata, bla kont u/jew perikoluza. In fatti, il-Prosekuzzjoni fl-ebda hin ma ressqet provi dwar x'sinjali tat-traffiku hemm fit-triq partikolari fejn saret l-U-Turn sabiex din il-Qorti tkun tista' tikkonstata jekk sehhx xi ksur ta' xi regolamenti tat-traffiku. Ghaldaqstant, lanqas ma hija ser issib htija fl-imputat fir-rigward ta' din ir-raba' imputazzjoni.

**Decide:**

**Ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, din l-Onorabbli Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi ma ssibx lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet imressqa fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull kundanna u htija.**

Magistrat Simone Grech

Joseph Grech
Deputat Registratur